# QORTI ĊIVILI

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Nru. 266/2015 RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B**

**Vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors guramentat** ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppermetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti huwa missier il-minuri Kaiden-Ray imwieled fil-15 ta' Diċembru, 2010 (vide Att tat-Twelid anness- **'Dok A'**)minn relazzjoni li huwa kellu mal-intimata;

2. Illi peress li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet intemmet qabel twieled il-minuri, huma kienu rregolaw il-kura, kustodja, access u manteniment tal-minuri b'kuntratt pubbliku, datat is-26 ta' Settembru, 2014 fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi (vide vera kopja tal-kuntratt- **Dok B**);

3. Illi sa minn twelid ta' ibnu- ghajr ghal dak li hu kontribut finanzjarju- l-esponenti dejjem gie mwaqqaf mill-intimata illi jkun prezenti f'hajjet ibnu u ghal din ir-raguni, meta sar il-kuntratt suriferit, l-esponenti ta kunsens ghall-proposti kollha mressqa mill-intimata, bit-tama li s-sitwazzjoni titjieb u eventwalment jibda jgawdi lil ibnu kif ghandu d-dritt u d-dmir illi jaghmel bhala missier naturali u biologiku tieghu;

4. Illi l-kuntratt suriferit, bit-tielet Artikolu jirregola **l-access** li l-esponenti ghandu jkollu ghal ibnu, u jipprovdi s-segwenti:

*''3. Dwar l-access ghall-minuri favur il-Missier qed jigi maqbul illi;*

**(a)** *Illi sakemm il-Minuri, li ghad ghandu circa tliet snin u nofs, u li sa issa kien qed jigi mrobbi esklussivament mill-Omm, jibda jidra joqghod wahdu fil-presenza tal-Missier, qed jigi maqbul li* ***l-access favur il-Missier ghandu jibqa' ezercitat fil-presenza tal-Omm f'post pubbliku addattat ghat-tfal, fil-presenza ta' Social Worker'*** sakemm jinghataw struzzjonijiet mill-istess Social Worker biex l-access jibda jigi ezercitat skont kif provdut hawn taht;

**(b)** *Illi wara dan il-****perjodu ta' transizzjoni****[2] hawn fuq imsemmi, l-access favur il-Missier ghall-Minuri sa fejn ikun possibli ghandu jkun skont hinijiet u cioe`:*

i. *Nhar ta' Tlieta mill-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm) sas-sebgha u nofs ta' filghaxija (7.30pm);*

ii. *Nhar ta' Hamis mill-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm) sas-sebgha u nofs ta' filghaxija (7.30pm);*

iii. *Kull gimgha b'mod alternat, darba nhar ta' Sibt mill-ghaxra ta' fil-ghodu (10.00am) sal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm) bil-weekend ta' wara, nhar ta' Hadd mid-disa' u nofs ta' fil-ghodu (9.30am) sal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm) sakemm il-minuri jaghlaq hames (5) snin b'dana li malli l-minuri jaghlaq hames (5) snin dan l-access jibda jinkludi sleepover kull tliet gimghat matul il-weekend kif ser jigi provdut hawn taht, sakemm il-minuri jaghlaq sitt (6) snin u kull gimghatejn wara li l-minuri jaghlaq sitt (6) snin b'mod illi l-access f'dak il-weekend meta l-minuri jibda jkollu sleepover ghand il-missier ikun jibda mis-sitta ta' fil-ghaxija (6.00pm)ta' nhar il-Gimgha sal-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) tal-ghada s-Sibt meta l-access f'dak il-weekend kien ikun imissu jkun fil-jum tas-Sibt u jibda is-sitta ta' filghaxija (6.00pm) ta' nhar is-Sibt sal-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) tal-ghada l-Hadd meta l-access kien ikun imissu jkun fil-jum tal-Hadd.*

iv. *Fir-rigward ta' sleepovers tal-minuri ghand il-missier, il-partijiet jirriservaw il-possibilita` li malli l-minuri jaghlaq sitt (6) snin, il-frekwenza ta' sleepovers tal-minuri ghand il-missier tkun tista' tigi varjata bil-miktub sa massimu ta' sleepover wiehed fil-gimgha matul il-weekend, jekk jigi maqbul bejn il-partijiet, tenut kont tax-xewqat u tal-ahjar interessi tal-minuri.''*

5. Illi minkejja li s'issa ghaddiet aktar minn sena (madwar erbatax (14)- il xahar) mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt, ''il-perjodu ta' transizzjoni'' li jirreferi ghalih l-Artikolu sucitat – Art. (3)(b) – ghadu ghaddej <u>u l-esponenti qed ikollu access mizeru ghal ibnu ta' siegha jew inqas darba fil-gimgha </u>gewwa l-bini tal-Agenzija Appogg, fil-prezenza tal-intimata u ta' social worker; sitwazzjoni li qed tinibixxi lill-esponenti milli jkollu l-opportunita` jistabilixxi relazzjoni tajba u soda ma' ibnu. Ghalhekk l-esponenti jemmen li fl-ahjar interess tal-minuri, ir-referenza ghall-perjodu ta' transizzjoni ghandha tigi eliminata mill-kuntratt in kwistjoni sabiex ikun jista' jezercita` access xieraq u ragjonevoli ghal ibnu;

6. Illi minkejja li l-minuri se jaghlaq hames (5) snin, sforz il-pika zejda da parti tal-intimata, li kontinwament iggib skuza bil-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet biex izzomm lill-minuri boghod minn missieru, qieghed jigi mcahhad mill-presenza tal-veru missieru. In-nuqqas tal-prezenza tal-esponenti f'hajjet ibnu zgur li mhijiex fl-ahjar interess tal-minuri. Inoltre jingieb ghall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti li l-genituri tal-esponenti u cioe` n-nanniet paterni tal-minuri rawh biss fil-Maghmudija; sitwazzjoni li qed tikkawza dispjacir kbir lill-esponenti li minkejja li hu l-missier biologiku u naturali tal-minuri, sa llum dejjem gie mcahhad milli jkun prezenti fit-tfulija tal-unika wild li ghandu, sempliciment ghax ir-relazzjoni ta' bejnu u bejn l-istess intimatama kinitx irnexxiet;

7. Illi l-kuntratt imsemmi f'Artikolu (3)(b) (iii) jipprovdi illi meta l-minuri jaghlaq hames (5) snin, l-access matul il-*weekends* jibda jinkludi *sleepover ''kull tliet gimghat''.* Hawnhekk jinghad li l-minuri se jaghlaq hames snin, izda ghadu qatt ma qatta' hin ta' kwalita` mal-esponenti peress li kif fuq spjegat l-esponenti qed ikollu access ta' siegha biss fil-gimgha. Fid-dawl tac-cahda estrema li s'issa l-esponenti affaccja, huwa jixtieq li l-minuri jkollu *sleepover* ghandu kull *weekend, fil-hinijiet provduti fl-Artikolu suriferit – (3)(b)(iii)- mhux darba kull tliet gimghat* stante illi *sleepover* darba fil-gimgha zgur iservi biex tissahhah ir-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u ibnu;

8. Illi b'rabta mal-paragrafu precedent, Artikolu (3)(b)(iv) li jipprovdi li malli l-minuri jaghlaq sitt (6) snin, tezisti l-possibilita` ta' *sleepover* ghand l-esponenti darba fil-gimgha, ma jifdalx skop ghalih f'kaz li l-ezitu ta' din l-Onorabbli Qorti jkun wiehed li jippermetti lid an jibda jsehh qabel ma l-minuri jaghlaq sitt snin;

9. Illi wkoll b'rabta maz-zewg paragrafi precedenti, Artikolu (3)(b)(xi) jirregola l-access tal-minuri f'Jum il-Missier u f'Jum l-Omm u jipprovdi illi *''F'Jum il-Missier it-tifel minuri jqatta' l-gurnata mal-missier mill-ghaxra ta' fil-ghodu (10.00am) sas-sitta u nofs ta' fil-ghaxija (6.30pm) b'dana li jekk l-access f'dak il-weekend ikun imissu jkun nhar ta' Sibt l-access jigi ezercitat fil-jum tal-Hadd minflok is-Sibt.''* Dan l-Artikolu wkoll jinhtieg li jigi modifikat f'kaz li din l-

Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-esponenti jibda jkollu access li jinkludi *sleepover* darba fil-gimgha;

10. Illi Artikolu (3) (b) (xii) jirreferi ghall-access li l-esponenti jkollu ghall-minuri, f'jum gheluq snin l-esponenti u jipprovdi li huwa *''ikollu tliet sighat ta' access ghalih, bejn l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm) u s-sebgha u nofs ta' filghaxija (7.30pm)''.* Hawnhekk jinghad li sa llum l-esponenti ghadu qatt ma qatta' jum gheluq sninu ma' ibnu minkejja li dan jahbat fit-3 ta' Settembru- zmien meta l-minuri jkun ghaddej bil-vaganzi tas-Sajf- ghalhekk l-esponenti jixtieq li l-minuri jibda jkollu *sleepover* ghandu, lejliet jum gheluq sninu, u cioe` mit-2 ta' Settembru, minflok l-isleepover li jkun ser ikollu fil-*weekend* tal-istess gimgha;

11. Illi l-Artikolu (2) (a) tal-kuntratt in kwistjoni jipprovdi li ''**<u>l-kura u l-kustodja</u>** tal-minuri ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-Omm.'' Minn dan l-Artikolu qed issir abbuz car min-naha tal-intimata stante illi hija dejjem zammet lill-esponenti ghal kollox 'il barra minn hajjet il-minuri u l-unika kontribut li hija tippermetti li huwa jaghmel huwa dak finanzjarju;

12. Illi b'rabta mal-paragrafu precedenti, l-esponenti, bhala missier naturali u biologiku tal-minuri, ghandu dritt jezercita` d-drittijiet paterni u parentali versu l-istess, *inter alia*, d-dritt li jkollu l-kura u l-kustodja kongunta mal-omm, u li jkun partecipi ghad-decizjonijiet illi jittiehdu rigwardanti ibnu ghal dik li hi edukazzjoni, sahha, eccetera u anke d-dritt baziku li huwa access ragjonevoli ghal ibnu;

13. Illi s-seba' (7) Artikolu tal-kuntratt jirregola s-Safar tal-minuri, u fit-tieni (ii) paragrafu jipprovdi li l-esponenti *''jkun jista' jsiefer bil-Minuri ghal vaganza wahda fis-sena ta' mhux aktar minn seba' (7) ijiem, minn meta dan jaghlaq l-eta` ta' tmien (8) snin...''* liema Artikolu jtellef kwalunkwe opportunita` li l-esponenti jista' joffri lil ibnu prezentement jew fiz-zmien li gej, qabel ma l-minuri jaghlaq l-eta` ta' tmien snin. Ghalhekk l-esponenti jemmen li fl-ahjar interess tal-minuri, tali limitazzjoni ghandha titnehha mill-kuntratt; l-istess jinghad fir-rigward tal-limitazzjoni ta' safra wahda fis-sena; <u>limitazzjoni bla bazi u li qed tpoggi lill-</u>

esponenti f'pozizzjoni cara ta' inferjorita` meta komparat mal-intimata li skont Artikolu 7(i) tal-kuntratt, tista' ssiefer mal-minuri ''minghajr ebda limitazzjoni'';

14. Illi nonostante saru debiti proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet *de qua*, dawn ma biddlu xejn u l-minuri qed jigi mcahhad mill-prezenza tal-missier naturali u biologiku tieghu minhabba li l-intimata, ghal ragunijiet li taf hi biss, kontinwament tipprova tbieghed lill-esponenti minn ibnu, u ghalhekk, a tenur tad-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-18 ta' Novembru, 2015 (vide **Dok C**), l-esponenti qed jirrikorri ghall-prezenti proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi varjat il-kuntratt ezistenti bejnu u bejn l-intimata, fid-dawl tad-drittijiet legali u naturali tieghu li jkollu access ragjonevoli u materjali fil-konfront ta' ibnu minuri, u kura u kustodja kongunta tal-omm, u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

15. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Fl-ahjar interess tal-minuri Kaiden-Ray tordna varjazzjoni fil-kuntratt datat is-26 ta' Settembru, 2014 fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi u dan billi:

i) Tordna thassir ta' Artikolu 3 (a) fl-intier tieghu;

ii) Tordna l-modifikazzjoni ta' Artikolu 3 (b) billi thassar il-frazi ''wara dan il-perjodu ta' transizzjoni hawn fuq imsemmi'' stante li m'ghadx hemm skop ghall-perjodu ta' transizzjoni li ghalih jirreferu dan l-artikolu;

iii) Tordna l-modifikazzjoni ta' Artikolu 3 (b) (iii) b'dan illi mal-iffirmar tal-kuntratt l-access tar-rikorrenti fil-konfront ta' ibnu jibda jinkludi *sleepover* kull gimgha u mhux kull tliet gimghat;

iv) Tordna thassir ta' Artikolu 3 (b) (iv) stante illi ma fadalx skop ghalih;

v) Tordna l-modifikazzjoni ta’ Artikolu 3 (b) (xi) sabiex tirrifletti l-fatt illi l-access tar-rikorrenti fil-konfront ta’ ibnu se jibda jinkludi *sleepover* kull *weekend;*

vi) Tordna l-modifikazzjoni ta’ Artikolu 3 (b) (xii) b’dan illi l-minuri jibda jkollu *sleepover* ghand il-missier, lejliet jum gheluq snin il-missier, u cioe` mit-tnejn (2) ta’ Settembru ta’ kull sena, minflok *sleepover* li jkun se jkollu fil-*weekend* tal-istess gimgha;

vii) Tordna l-modifikazzjoni ta’ Artikolu 2(a) b’dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta bejn l-omm u l-missier, bir-residenza ewlenija tal-minuri tkun mal-omm;

viii) Tordna l-modifikazzjoni ta’ Artikolu 7(ii) billi titnehha l-limitazzjoni ta’ vaganza wahda fis-sena, u wkoll il-limitazzjoni li tirrikjedi li l-minuri jaghlaq l-eta` ta’ tmien (8)snin, b’dan illi l-missier ikun jista’ jsiefer bil-minuri jekk tinqala’ l-okkazjoni, ghal vaganza li ma tikkonfliggix mal-impenji akkademici tal-Minuri, mid-data tal-kuntratt;

U fil-bqija tikkonferma l-provvedimenti tal-istess kuntratt;

2. Tahtar Nutar sabiex jircievi l-Att;

3. Tahtar kuraturi sabiex jidhru fuq l-Att, kemm il-darba wahda mill-partijiet tonqos milli tidher ghall-pubblikazzjoni tal-istess;

4. Taghti kwalunkwe ordni u provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti thoss li huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u fl-ahjar interess tal-minuri;

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa stess ingunta in subizzjoni.

Rat ir-**risposta guramentata** tal-konvenuta li taqra kif gej:

1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi ladarba l-aspetti referibbli inter alia, ghall-kura u kustodja u access ghall-minuri iben il-partijiet, gie regolat permezz ta' Kuntratt Pubbliku relattiv datat 26 ta' Settembru 2014 fl-Atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi, ir-rikorrent ghandu jonora l-pattijiet u kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-istess Kuntratt kif jiddetta l-principju ta' pacta sunt servanda, aktar u aktar meta l-kundizzjonijiet impostifl-istess kuntratt u li jirregolaw kif u meta l-access favur ir-rikorrent ghall-minuri ibnu kellu jibda jigi ezercitat, u eventwalment estiz, ghandhom jitqiesu li ghadhom relevant u jirrispettaw dawk li huma l-interessi supreme u x-xewqat tal-istess minuri.

   Konsegwentement l-istess Kuntratt ghandu jibqa' kif inhu fl-intier tieghu minghajr ma jigi bl-ebda mod mibdul jew varjat. B'hekk l-artikolu 3(a) tal-istess kuntratt ma ghandux jigi mhassar filwaqt li l-artikolu 3(b) u l-paragrafi kollha msemmija ir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu u cioe` l-artikoli 3(b) (iii), 3 (b) (iv), 3 (b) (xi), 3 (b) (xii), kif ukoll l-artikoli 2(a) u 7(ii) u kwalsiasi artikolu iehor fl-istess Kuntratt a ghandhomx jigu modifikati. Dan anki stante dak li qed jigi wkoll eccepit fil-kuplamament ta' din ir-risposta;

2. Illi fil-mertu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante dak li ser jirizulta f'aktar dettal matul il-mori ta' din il-kawza, it-talbiet kif imressqin mill-attur rikorrent ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu lkoll michudin fl-intier taghhom ghal diversi ragunijiet li fil-qasir qed jigu elenkati bil-mod segwenti:

a) Illi r-ragunijiet ghalfejn ir-rikorrent qed ikollu access limitat ghal ibnu hu dovut unikmanent ghal ragunijiet li l-esponenti ma tahtix ghalihom u li huma effettivament imputabbli ghall-fatt illi huwa r-rikorrent li ma huwiex kapaci jew ma huwiex kapaci bizzejjed illi jirrelata sew ma' ibnu li min-naha tieghu baqa' jindika b'mod car ir-reticenza li jkollu kuntatt ma' missieru anki meta dan l-access kien qed ikun supervizjonat. Fil-fatt f'dawk l-okkazzjonijiet u granet li l-minuri jkun imissu l-access ghal mar-rikorrent, jibda juri anzjeta kbira u f'mumenti ohra juri rabja kbira ghall-fatt li dan bhal donnu jhossu sfurzat li jrid jara lil missieru. L-istess minuri sahansitra sviluppa eczema li tista' tkun dovuta wkoll ghall-istress li din is-sitwazzjoni qed tikkawza lill-minuri.

L-istess minuri sahansitra wera lill-esponenti li ma accettax kunjom missieru, li ma jridx jirreferi ghalih bhala ‘papa’ jew ma jkunx irid isemmieh u jkisser il-gugarelli li jkun tah missieru u jghid lill-esponenti li jibza minn missieru.

Min-naha l-ohra meta l-access jithassar, il-minuri jibda jifrahkif gara f’okkazzjoni minnhom meta l-minuri wera dan kollu sahansitra quddiem supervisor li jkun prezenti ghall-access. B’hekk l-esponenti min-naha taghha tibqa’ turi reticenza biex ir-rikorrent ikollu access aktar ampju ghall-inuri ghaliex hija thoss li dan ikun kontra l-interessi u xewqat tal-istess minuri;

b) Illi fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent jonqos milli jaghti bizzejjed importanza ghall-fatt illi minkejja li l-minuri issa ghalaq hames (5) snin, il-kuntatt regolari bejn ir-rikorrent u l-istess minuri beda ferm aktar tard minhabba diversi cirkostanzi , inkluz il-fatt li l-istess rikorrent kien ghamel xi zmien ma juri nteress ghall-istess minuri, kif jista’ jigi spjegat f’aktar dettal matul il-mori ta’ din il-kawza. Kien propju ghalhekk li meta l-partijiet waslu sabiex jidhru ghall-Kuntratt biex jirregola l-aspetti kollha referibbli ghall-istess minuri, il-modalita ta’ access ghall-istess minuri kienet giet regolata bil-mod kif stabbilit fl-istess Kuntratt propju ghaliex il-minuri kien ghadu ma kienx imdorri u komdu bizzejjed biex ikollu access hux supervizjonat ma’ missieru;

c) Illi minkejja dan kollu, min-naha taghha, l-esponenti minn wara l-Pubblikazzjoni tal-imsemmi Kuntratt, ghamlet l-ghallmu taghha, anki f’dawk ix-xhur shah li r-rikorrent ma kienx qed jonora l-obbligi ta’ manteniment impost fl-istess Kuntratt (kif ser jigi spjegat matul il-mori ta’ din il-kawza), sabiex tipprova taghti opportunita` lir-rikorrent biex forsi din is-sitwazzjoni tittranga biex b’hekk dan ikollu access oltre dak supervizjonat fl-Appogg izda minkejja din l-opportunita` iben il-partijiet baqa’ juri reticenza, tenzjoni jew rabja meta jigi biex jara lill-missieru.

Min-naha tieghu r-rikorrent jidher illi ghadu ma jistax jifhem jew japprezza bizzejjed li l-atteggjament tieghu lejn il-minuri jrid jinbidel u jitranga jekk dan verament jixtieq li l-attitudni tal-minuri lejh titjieb b’mod lit kun tista’ tippermetti li l-access ikun wiehed aktar ampju u mhux supervizjonat;

d) Illi in vista ta' din ir-recitenza, fejn il-minuri sahansitra anki meta jmur ghall-access gewwa l-Bini tal-Appogg kien qieghed juri li kien qed jiddejjaq u ma jkunx irid jara lill-missieru tant li dan l-ahhar, wara ftit minuti kien qed jindika li ma kellux interess li jkompli l-access ma' missieru, l-esponenti spiccat sahansitra tqabbad psikologa a spejjez taghha Dr Sharon Vella Camilleri biex tassisti lill-minuri sabiex jigi stabbilit x'inhu fl-ahjar interessi tal-istess minuri biex ma ssirx aktar hsara;

e) Illi kien in vista ta' dan kollu li l-kundizzjoni stabbilita fil-kuntratt ta' bejn il-Partijiet u cioe` li l-access ghall-minuri favur ir-rikorrent jibqa' esercitat fil-presenza tal-esponenti u ta' Social Worker sakemm ma nghatawx struzzjonijiet biex l-access jibda jigi ezercitat skont il-modalitajiet l-ohra stabbiliti fl-istess Kuntratt, baqghat applikabbli u dan stante li ladarba l-minuri baqa' juri reticenza biex jara lill-missieru fil-waqt li l-istess missier ma rnexxilux jadatta ruhu bizzejjed ghall-minuri, ma setghux jinghataw l-istruzzjonijiet mill-istess Social Worker biex l-access jibda jigi esercitat b'mod mhux supervizjonat;

f) Illi l-fatt li r-rikorrent, apparentement mal-intavolar ta' dawn il-proceduri ddecieda arbitrarjament li ma jibqax imur ghall-access supervizjonat biex jara lill-minuri certament mhux ser jghin sabiex il-minuri jingibed lejh ghaliex issa s-sitwazzjoni giet tali li r-rikorrent qata' volontarjament l-access li huwa kellu ghal ibnu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi wkoll eccepit illi r-rikorrent lanqas ma jista' jippretendi li tenut kont tal-fatt li l-minuri baqa' juri r-reticenza li jkollu access mal-missier, l-istess minuri jigi f'daqqa wahda sfurzat sabiex jibda jkolu access mal-missier mhux supervizjonat, jew li aghar minn hekk, l-access jibda f'daqqa wahda jinkludi wkoll *sleepovers* mill-ewwel u kull *weekend*, kif donnu qed jippretendi r-rikorrent minn dak li qed jinqara fir-rikors guramentat tieghu;

4. Illi t-talba tar-rikorrent sabiex il-kura u kustodja tal-minuri binhom tigi wahda kongunta ghandha wkoll tigi michuda u dan mhux biss stante li r-rikorrent ghandu

jaderixxi ruhu ma’ dak li kien stabbilit fil-kuntratt relattiv ai termini tal-principju ta’ *pacta sunt servanda* izda wkoll ghaliex fi kwalunkwe kaz, l-istess kuntratt jipprovdi b’mod prattiku u b’mod adegwat bizzejjed dawk li huma d-drittijiet relattivi tieghu bhala missier;

5. Illi t-talba tar-rikorrent sabiex tinbidel ukoll l-eta` tal-minuri minn meta r-rikorrent ikun jista’ jiehu mieghu ghal vaganza hija wkoll oppostastante li r-rikorrent ghandu jonora dak li gie maqbul bejn il-partijiet skont il-Kuntratt Pubbliku ffirmat bejniethom u fi kwalunkwe kaz, tenut kont tac-cirkostanzi prezentement prevalenti, din it-talba hi certamentprematura ghaliex ladarba l-minuri ghadu qed juri recitenza ghall-access ma’ missieru, certament mhux lok illi l-istess minuri jkunsoggett ghall-ipotesi li jsiefer ma’ missieru ghalissa, propju kif qedjinghad fir-rigward tal-opposizzjoni li qed tibqa’ tigi registrata biex ikunhemm dritt ta’ access mhux supervizjonat jew ghal *sleepovers;*

6. Illi konsegwentement, ghandu jirrizulta li t-talbiet kollha kif imressqin mir-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u b’hekk dawn ghandhom jigu michudin, bl-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri jkunu a karigu tal-istess rikorrent.

Semghat ix-xhieda u ezaminat l-atti.

Rat **ir-rapport tal-esperta gudizzjarja il-Psikoterapista Maria Busietta** prezentat fit-8 ta' Gunju 2017 inter alia ghamlet is-segwwenti rakkomandazzjonijiet:-

(a) Through the sessions with the minor nothing so serious and drastic ws reported to warrant the minor's reaction to this father. Any other child who had already a good base to the relationship would have withstood such difficulties. However the minor's relationship with the father was still very fresh and fragile to take these incidents (it was a mistake to force the boy to stay on during access if

he was uncomfortable in doing so.) Unfortunately these incidents started to increase and made the situation what it is today.

(b) The minor Kaiden is fully aware of the animosity between his parents and his respective grandparents and has been caught up in between these conflicts at such a young sensitive age. He does not have the right coping skills to manage such stress and confusion.

(c) The negative experiences that the minor experienced while on access visits with his father left a negative impact on the minor. The impulsive and rather angry way of how the father had spoken to the Social Worker Ms Therese, the arguments that he had with the minor's mother, being forced out of the car to attend the access visits and staying longer than the agreed time for such visits angered the minor and instilled in him a 'giving up mode' whereby making the minor adamant of not wanting to meet his father. This could be due to the fact that in the above-mentioned encounters his father has let him down and did not prove to him as being trustworthy.

(d) The stopping, resuming and stopping again of access visits has defintely left an impact on the psychological well-being of the minor and has never really allowed enough time to build a healthy father-son relationship.

(e) These sessions brought to light the built up anger towards his father...............I strongly feel that the minor needs to be supported therapeutically in dealing with this unfinished business prior to initiating any contact with the father.

(f) As long as the mother continues to refuse to meet the minor's father in therapy, the minor's attitude and behaviour towards the father will not change.

She needs to play a stronger role in this as seeing the parents communicating in a respectable manner will encourage the minor to start seeing his father in a different light, paving way for the father-son reconciliation sessions. Both parents need to connect and come together over this and work together towards a common goal.

(g) Reconciliation sessions between the father and the minor should be then carried out so as to facilitate a healthy father-son relationship between the two.

(h) It would be advisable that the above thre interconnected therapeutic work would be carried out by the Family Therapist, Ms Carmen Delicata since she has already built a good therapeutic relationship with all the members involved.

(i) Both parents must look at the best interest of their son hence avoid involving him in their conflicts. They should act responsibly for the well being of their son.

Il-Psikoterapista Carmen Delicata li kienet qed izzomm seduti ta' terapija mal-minuri informat lill-Qorti fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2018 illi wara li zammet numru ta' sessjonijiet ta' terapija mal-minuri "fic-cirkostanzi ma tarax illi hemm utilita' ghal aktar sessjonijiet mal-minuri ghalmenu fic-cirkostanzi prezenti."

Fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2018 il-Qorti semghat ix-xhieda tal-minuri Kayden Ray permezz ta' video conference. Fl-istess udjenza intwerew il-video clips li gew ezebiti mill-attur permezz ta' nota datata 5 ta' Gunju 2018.

Rat in-noti ta' osservazzjonijet prezentati mill-partijiet fil-31 ta' Lulju 2018 u fil-31 ta' Awissu 2018.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

L-Azzjoni Attrici.

Il-minuri Kaiden-Ray twieled fil-15 ta' Dicembru 2010. Il-partijiet huma l-ġenituri tiegħu. Permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Tonio Cauchi tas-26 ta' Settembru 2014 il-partijiet ftehmu dwar dak kollu li jikkoncerna lill-minuri inkluz l-access tal-missier versu l-minuri. Dak iz-zmien il-minuri kellu tlett snin u nofs. Fi klawsola numru 3 tal-kuntratt il-partijiet ftehmu illi peress li sa dak iz-zmien tal-kuntratt il-minuri kien qed jigi "mrobbi esklussivament mill-Omm, [sabiex] jibda jidra joqghod wahdu fil-presenza tal-Missier, qed jigi maqbul li l-access favur il-Missier ghandu jibqa' ezercitat fil-presenza tal-Omm f'post pubbliku adattat ghat-tfal, fil-presenza ta' Social Worker sakemm jinghataw struzzjonijiet mill-istess Social Worker biex l-access jibda jigi esercitat skond kif provdut hawn taht." Il-partijiet imbaghad jistipulaw il-modalita' tal-access tal-missier bhala nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis kif ukoll fi tmiem il-gimgha. L-istess kuntratt jistipula illi meta l-minuri jaghlaq hames (5) snin l-access matul il-weekends jibda jinkludi sleepover kull tlett gimghat. Ghalkemm il-partijiet lahqu dak il-ftehim jirrizulta illi sakemm giet intavolata l-kawza fis-26 ta' Novembru 2015, jigifieri aktar minn sena wara l-kuntratt, il-kuntatt bejn il-missier u l-iben kien ghadu qed ikun ta' siegha fil-gimgha fil-presenza tal-omm u ta' social worker.

Fil-kors ta' din il-kawza saru diversi tentativi sabiex ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben titjieb. Apparti l-esperta gudizzjara Marica Busietta li rredigiet ir-rapport fuq imsemmi, il-Qorti innominat ukoll il-family therapist Carmen Delicata illi nonostante li zammet numru konsiderevoli ta' sessjonijiet mal-minuri ir-reticenza

tal-minuri li jiltaqa' ma' missieru kompliet.  Tant li l-istess family therapist irrakkomandat li ma kien hemm ebda utilita' li s-sessjonijiet ta' terapija mal-minuri jitkomplew.

Ir-reticenza tal-minuri milli jitaqa' ma' missieru giet konfermata mill-istess minuri waqt it-testimonjanza moghtija bil-mezz ta' video conference fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2018.

Ikkunsidrat;

L-omm issostni illi hija ghamlet l-almu kollu taghha sabiex il-minuri jiltaqa' ma' missieru izda li kien il-minuri li kien joggezzjona li jiltaqa' mieghu.  Il-missier min-naha tieghu isostni illi r-riluttanza tat-tifel li jibni relazzjoni tajba mieghu hija rizultat ta' 'parental alienation' adoperata mill-omm u l-membri tal-familja taghha.

Bhala stat ta' fatt huwa minnu li l-minuri jirrifjuta li jaghmel kuntatt ma' missieru. Dan setgha jigi kkonstat mhux biss mir-rapport tal-esperta gudizzjarja izda wkoll waqt li l-minuri kien qed jixhed.

Li hu rilevanti wkoll pero' mhux biss dak li jirrizulta bhala stat ta' fatt izda wkoll x'wassal ghal din ir-rezistenza kollha da parti tal-minuri li jibni relazzjoni ma' missieru, meta jaf li l-attur huwa missieru bijologiku u meta l-minuri beda b'din ir-rezistenza meta kien ghadu relattivament ta' eta' zghira hafna.

L-esperta gudizzjarja l-Psikoterapista Marica Busietta fil-konkluzzjonijiet taghha tiddeskrivi dettaljatament dak li kkonstatat.  Fil-fehma tal-Qorti ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben hija serjament mhassra.  Ir-raguniijiet huma varji.  Il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' viva voce diversi xhieda u tifhem illi l-fatt illi fl-ewwel

snin mit-twelid tieghu ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn il-missier u l-iben intilef l-aqwa zmien li fih wild jaghmel 'bonding' mal-missier. Dan huwa wkoll rifless fl-istipulazzjonijiet li l-partijiet ftehmu dwar l-access tal-missier versu l-minuri fil-kuntratt tas-26 ta' Settembru 2014.

Il-Qorti hi tal-fehma pero' illi ir-rezistenza tal-minuri li jiltaqa' ma' missieru ma hiex biss rizultat li kien hemm nuqqas ta' prezenza tal-missier fil-hajja tal-minuri fil-ewwel snin ta' hajtu. Il-Qorti, wara li hasbet fit-tul u gharblet il-provi mressqa quddiemha hija tal-fehma illi hemm ukoll element qawwi ta' 'parental alienation' da parti tal-omm u membri tal-familja taghha kontra l-missier. Sew il-konvenuta kif ukoll il-membri tal-familja taghha li xehdu kollha kelma wahda li huma jinkoraggixxu lill-minuri sabiex jiltaqa' ma' missieru.

L-asserzjoni tal-omm li hija taghmel dak kollu possibbli sabiex il-minuri jibdni relazzjoni tajba versu l-minuri tisfuma fix-xejn meta ghat-tul kollu tal-kawza hija irrifjutat illi tikkopera f'dak li irrakkomandaw l-ispecjalisti. Hija baqghet sal-ahhar tirrifjuta li tattendi ghas-sessjonijiet ta' terapija li gew rakkomandati. Mhux eskluz li xi sessjonijiet kienu ser jinvolvu liz-zewg genituri flimkien mal-minuri. Ma tat l-ebda raguni l-konvenuta ghaliex baqghet tirrifjuta li tikkopera f'dan ir-rigward. L-unika raguni plawsibbli li tara l-Qorti fir-rifjut tal-omm li tikkopera u tattwal ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Psikologa Busietta hi illi f'tali sessjonijiet kien ser ikollha tikkontradixxi, **fil-presenza tal-minuri**, dak li presumibilment u probabilment tghid lill-minuri 'il boghod mis-smiegh tal-esperti gudizzjarji u tal-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti il-hsara psikologika li garrab il-minuri hija hsara enormi b'dubji serji kemm hi riversibbli.

Ghalhekk fi kwalunkwe kaz, u irrispettivament mir-raguni jew ragunijiet li waslu lill-minuri jibqa' jirrifjuta li jkollu kuntratt ma' missieru, hija l-fehma konsidrata

tal-Qorti illi fic-cirkostanzi prezenti ma hux fl-interess tal-minuri illi l-Qorti tisforza lill-minuri sabiex jiltaqa' ma' missieru.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li qed tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta konformement ma' dak hawn deciz, tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**ONOR. ROBERT G. MANGION** **LYDIA ELLUL**

**IMHALLEF** **DEPUTAT REGISTRATUR**